# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

***Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)***

---

**Illum l-1 ta' Lulju 2020**

Appell numru 8 tal-2020

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Larussi IDRISS**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-22 ta' Jannar 2020 fil-konfront ta' Larussi IDRISS, detentur tan-numru tal-Pulizija 19II-178 li, in suċċint, ġie mixli, flimkien ma wieħed u għoxrin persuna oħra, talli f'Ħal-Safi u/jew bnadi oħra f'Malta, nhar is-6 ta' Jannar 2020 għall-ħabta ta' wara s-sebgħa u nofs ta' filgħaxija :-

i. Inġurja, hedded jew għamel offiża fuq il-persuna ta' xi ħadd inkarigat minn servizz pubbliku;

ii. Attakka jew irreżista bi vjolenza lil persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku;
iii. Ikkommetta offiża fuq il-persuna;
iv. Ħa sehem f'ġemgħa li titqies kontra l-liġi;
v. Baqgħa flimkien ma oħrajn f'numru ta' tnax jew aktar għal żmien siegħa wara li ġie formalment imwissi minn awtorita kompetenti biex jixxerdu u jmorru lura lejn djarhom;
vi. Assoċja ruħu ma persuna jew persuni bil-għan li jagħmel delitt f'Malta u li għalih hemm il-piena ta' priġunerija;
vii. Volontarjament ħassar jew għamel ħsara fi proprjeta;
viii. Bil-lejl kiser il-mistrieħ tan-nies b'għajjat jew b'mod ieħor;
ix. Volontarjament kiser il-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku;
x. M'obdiex l-ordnijiet leġittimi ta' wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku;
xi. Mingħajr ma darab jew sawwat hedded diversi uffiċjali pubbliċi b'ġebel jew oġġetti iebsa oħra; u
xii. Waddab ġebel jew ħwejjeġ oħra iebsin.

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant, fuq l-ammissjoni tal-istess imputat appellant, ħlief għat-tieni imputazzjoni li ġiet irtirata mill-Prosekuzzjoni sabet lill-imputat appellant ħati tal-imputazzjonijiet rimanenti b'dan li fir-rigward tas-seba' imputazzjoni kienet qegħda ssibu ħati taħt l-artikolu 325(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali u mhux taħt l-artikolu 325(1)(a) tal-Kodiċi

Kriminali u kkundannatu għall-piena ta' disa' xhur priġunerija flimkien ma multa ta' tminn mitt euro (€800) kull wieħed li kellha titħallas fi żmien xahar mid-data ta' meta jiskontaw il-piena karċerarja.

3. Illi Larussi IDRISS appella minn din is-sentenza fejn saħaq li l-ammissjoni reġistrata minnu kienet vizzjata minħabba li saret f'kuntest proċedurali li ma kienx jissodisfa r-rekwiżiti minimi ta' proċedura. Inoltre stqarr li huwa ismu ma kienx Larussi Idriss kif imsemmi fis-sentenza iżda kien "Idriss Laroussi" u b'hekk is-sentenza kienet nulla u bla effett. Huwa għalhekk talab lil Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma li huwa ma kienx ħati tas-seba imputazzjoni u tilliberah mill-akkuzi dedotti kontra tiegħu.

4. Dan wara li huwa ppremetta illi kien ġie Malta permezz ta' dgħajsa u applika biex jiġi dikjarat refuġjat. Jgħid li huwa nżamm fiċ-Ċentru ta' Detenzjoni ta' Ħal-Safi għal aktar minn tliet xhur taħt kundizzjonijiet ħżiena. Fis-6 ta' Jannar 2020 uħud mill-persuni li jgħixu fiċ-Ċentru għamlu protesta fuq diversi kwistjonijiet, liema protesta saret vjolenti. L-appellant, flimkien ma diversi persuni oħra, ġie arrestat u mixli bir-reati aktar il-fuq imsemmija. Jgħid li l-Pulizija infurmawhom li jekk ma jammettux l-akkużi kontra tagħhom huma kien se jmorru l-ħabs għal snin twal.

5. L-appellant stqarr li huwa kien aggravat minħabba l-fatt li l-ammissjoni tiegħu għar-reati li bihom ġie mixli ma kienetx waħda

volontarja. Jgħid li huwa (flimkien mal-oħrajn) kien ġie avżat mill-Pulizija li setgħa jingħata ħames snin priġunerija; iżda jekk jammetti kien sejjer imur disa' xhur priġunerija minflok ħames snin. Jgħid li għalhekk kien ċar li kien hemm patteġġjament. Jisħaq ukoll li huwa ipprotesta l-innoċenza tiegħu lill-Pulizija għaliex ma kienx ipparteċipa f'din ir-rewwixta. Iżid li tant kien hemm patteġġjament mhux uffiċjali dwar il-piena li ċertu affarijiet kienu suspettużi għall-aħħar. Qabel xejn kien hemm avukat wieħed għal tnejn u għoxrin ruħ, liema avukat kienu rawha l-ewwel darba fl-awla. Iżid li b'riferenza għat-tielet imputazzjoni ċjoe dik t'offiża ħafifa fuq il-persuna t'erba' minn nies, din kienet qed tiġi addebitata lil tnejn u għoxrin ruħ f'daqqa. Din kienet ħaġa impossibbli; biss minkejja dan l-appellant ammetta għaliha wkoll.

6. L-appellant iżid li l-verita kienet li hu, flimkien mal-imputati l-ohra kienu ġew "*herded in court*" sabiex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti minimi ta' proċedura. Ingħataw l-għażla li jammettu u jmorru disa' xhur ħabs jew ma jammettux u jmorru ħames snin priġunerija. Iżid li sar patteġġjament informali għal kulħadd, irrispettivament mill-parteċipazzjoni differenti li setgħa kellhom. Ingħataw avukat wieħed għalihom kollha, iżda ma saretx difiża adegwata. L-ammissjoni saret f'dan l-isfond u b'hekk ma kienetx volontarja.

***Ikkunsidrat : -***

7. Illi qabel xejn, dwar il-preġudizzjali tan-nullita sollevata minħabba li l-appellant itenni li ismu mhux 'Larussi IDRISS' iżda 'Idriss

LAROUSSI', din il-Qorti tqis li ma għandux raġun fuq bażi fattwali u legali. Kwantu għall-isem veru u proprju tiegħu, din il-Qorti rat li mid-dokument uffiċjali eżebit a fol 28, jirriżulta li l-isem reġistrat mal-Awtoritajiet Maltin huwa dak ta' (kunjom) **Idriss** (isem) **Larussi**. Din il-Qorti ma tafx x'dokumenti uffiċjali huwa wera lill-Awtoritajiet Maltin mal-wasla tiegħu f'Malta fuq id-dgħajsa li semma fir-rikors tal-appell. Fin-nuqqas ta' prova oġġettiva kuntrarja, l-isem tal-appellant għandu jiġi ritenut dak reġistrat mal-Awtoritajiet Maltin li, *del resto*, preżumibbilment kien ġie provdut lilhom mill-appellant stess mal-wasla tiegħu f'Malta biex jidentifika ruħu magħhom.

8. Imbagħad anke li kieku biss dan l-ilment kellu jiġi milqugħ, u l-isem tiegħu jitqies, *gratia argomenti*, bħala li ġie miktub ħażin fuq is-sentenza mogħtija kontra tiegħu, xorta jibqa' l-fatt li l-massimu li dan jista' jwassal ikun dak tal-ineżegwibbilta tas-sentenza fil-konfront tiegħu u mhux in-nullita tas-sentenza kif talab. Dan jirriżulta minn ġurisprudenza kopjuża fosthom : - ***Il-Pulizija vs. Charles Mifsud,*** deċiza minn din il-Qorti nhar il-15 t'Ottubru 2019 fejn ġie wkoll ritenut is-segwenti : -

> 9. Illi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ġiet mogħtija f'isem Charles MUSCAT. L-atti l-oħra tal-kawża jirreferu għall-imputat bl-isem ta' Charles MIFSUD. Il-ġurisprudenza tgħallem li f'każijiet analogi, il-fatt li l-Qorti tal-Maġistrati tkun kitbet sentenza b'isem l-imputat – ismu jew kunjomu – żbaljat hija kwistjoni li tolqot l-ordni pubbliku u li mhix derogabbli mill-privat.[1] F'dawn il-każijiet, dawn il-Qrati ħadu l-linja li :
> (a) jiddikjaraw li l-kundannat fis-sentenza appellata ma jkunx ir-rikorrent appellanti; u

[1] Ara f'dan is-sens is-sentenza ***Il-Pulizija vs. Raymond Cassar***, deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appelli Kriminali, nhar id-29 ta' Settembru 1956, kif ukoll ***Il-Pulizija vs Christine Galea***, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar id-9 ta' Lulju 1984.

(b) għalhekk is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mogħtija bl-isem żbaljat ma tkunx eżegwibbli kontra tiegħu u l-appell jieqaf f'dak il-punt.[2]

9. Illi dan qiegħed jingħad għall-fini ta' kompletezza u mhux għaliex din il-Qorti għandha provi li juru li l-isem proprju tal-appellant huwa dak li jsemmi fir-rikors tal-appell tiegħu.

10. B'hekk il-Qorti tiċħad il-preġudizzjali tan-nullita.

***Ikkunsidrat : -***

11. Illi kwantu għall-meritu tal-appell, l-appellant qiegħed jikkontesta l-ammissjoni reġistrata minnu. Skont il-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati, din il-forma ta' kontestazzjoni teħtieġ analiżi approfondita. Hekk per eżempju fl-appell kriminali deċiż nhar l-4 ta' Frar 2016, fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Tarek Mohamed Hussein Rozik,*** din il-Qorti kienet stqarret is-segwenti : -

> Jibda biex jinghad fil-kwistjoni bhal din hawn devoluta, li l-Qorti jehtieg li tkun certa li dak li qed jitlob l-appellant ma huwiex dovut ghall-zball genwin meta ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontrih jew jekk huwiex ripensament dwar l-ammissjoni tieghu wara li inghata l-piena konsegwenza tas-sejbien ta' htija. Tajjeb li in rigward ssir referenza ghal dak li rriteniet din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Martin J. Camilleri tal-20 ta' Jannar 1995: "Dwar l-effett ta' ammissjoni fuq l-appell tal-persuna misjuba hatja din il-Qorti (jew ahjar, il-Qorti Kriminali li allura kienet tisma' l-appelli mid-decizjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja) diga' kellha l-opportunita' li tippronunzja ruhha fis-sentenza taghha tas-27 ta' Ottubru, 1962 fil-kawza

[2] Ara f'dan is-sens is-sentenza ***Raymond Cassar***, ibid.; ***Il-Pulizija vs. Francis Blancho***, deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appelli Kriminali, nhar fl-4 ta' Mejju 1957; ***Il-Pulizija vs. Robert Pace Bordin***, deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appelli Kriminali, nhar fit-23 ta' Frar 1959; ***Il-Pulizija vs Carmelo Sullivan*** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appelli Kriminali, nhar it-18 ta' Novembru 1961; is-sentenza ***Christine Galea***, ibid.; u ***Il-Pulizija vs. Saviour Borg D'Anastasi*** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar it-18 t'April 2002 kif ukoll ***Il-Pulizija vs. Loraine Costa nee Fino*** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar l-20 ta' Mejju 2013.

fl-ismijiet Il-Pulizija vs George Cassar Desain (Kollezz. Deciz. XLVI.IV.911). F'dik is-sentenza gie ritenut, mill-kompjant Imhallef William Harding, fuq l-iskorta ta' gurisprudenza kemm Ingliza kif ukoll lokali, li fuq ammissjoni ta' l-imputat, Qorti ma tistax hlief tghaddi ghall-kundanna tieghu ammenoke' ma jirrizultax li l-imputat ma jkunx fehem in-natura ta' l-imputazzjoni jew li ma kinitx l-intenzjoni tieghu li jammetti li hu hati ta' dik l-imputazzjoni jew li fuq il-fatti minnu ammessi l-Qorti ma setghetx skond il-ligi, tikkundannah, cioe' ssibu hati ta' reat. Anke recentement, fis-sentenza ta' din il-Qorti (diversament ippresjeduta) tat-28 ta' April, 1993 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Mohnani, fejn il-kwistjoni kienet simili ghal dik odjerna, intqal li li 'din il-Qorti ma tistax thares b'leggerezza ghal verbali ta' Qorti ohra fis-sens illi dawn ghandhom jaghmlu stat fil-konfront tal-partijiet almenu prima facie sakemm ma jirrizultax evidenti li tnizzel xi haga bi zball'. Dan qed jinghad biex hadd ma jifforma l-idea zbaljata li wiehed jista l-ewwel jammetti quddiem il-Qorti Inferjuri u wara, fuq ripensament, jappella billi jallega li hu ammetta bi zball jew li ma kienx jaf ghal x'hiex qed jammetti". Insenjament dan citat b'approvazzjoni minn din il-Qorti fis- sentenza Il-Pulizija vs Rainer Grima tat-12 ta' Mejju 2004 fost ohrjan;

12. Illi din il-Qorti, fid-dawl tas-serjeta tal-allegazzjonijiet magħmula mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu għaddiet biex fil-5 ta' Marzu 2020 laqgħet talba tal-imputat appellant sabiex jixhed f'dawn il-proċeduri, minkejja l-opposizzjoni tal-Avukat Ġenerali minħabba li f'dan l-istadju ma kienux, bħala regola ammessi provi ġodda.

13. Fix-xiehda tiegħu l-appellant jgħid li huwa qatt ma tkellem mal-avukat tiegħu qabel, matul jew wara l-ewwel seduta. Jgħid ukoll li ma kien hemm ebda avukat li kelmu waħdu jew flimkien ma ħaddieħor dwar il-meritu ta' dan il-każ. Jgħid li kien hemm interpretu, li beda jagħmel pressjoni fuqu għax qallu li l-Maġistrat fit-tieni udjenza kien iebes ħafna. Jgħid li qallu li jekk huwa jinstab ħati huwa joqgħod biss sitt xhur ħabs. Jekk ma jgħidx li huwa ħati

kien se joqgħod iktar minn erbgħa u għoxrin xahar ħabs u kien se jkun hemm ħafna udjenzi. Jgħid li għalhekk kien beżgħan ħafna. Jisħaq li l-interpretu qallu li jekk huwa ma kienx se jammetti, huwa kien f'riskju kbir li jkollu jattendi ħafna udjenzi il-Qorti. Jgħid ukoll li ma jiftakarx jekk l-interpretu kienx spjegalu dwar il-ħames snin priġunerija u l-ħamest elef euro multa.

14.Mistoqsi minn din il-Qorti jekk kienx jiftakar li f'xi mument waqt is-seduta l-Qorti tal-Maġistrati kienet waqfet is-smiegħ tal-każ u tagħtu ftit ħin biex jekk irid jitkellem ma avukat, l-appellant wieġeb li ingħatalhom il-ħin biex jiddeċiedu jekk humiex ħatja jew le, iżda mhux biex jitkelmu fuq id-dettalji tal-piena. Jgħid li ma kellhomx id-dritt li jitklemu.

15.Mistoqsi minn din il-Qorti jekk kienx jiftakar li hu kien ammetta l-akkużi kontra tiegħu, l-appellant iwieġeb li kienu talbu lill-interpretu biex jispjegalhom dak li għamel u b'xiex kien mixli; iżda jgħid li l-interpretu ma spjegalux ta' xiex kien akkużat.

16.In kontro-eżami jgħid li huwa jiftakar li kellhom żewġ seduti. Jgħid li jiftakar li l-Maġistrat ir-raġel (Dr. Victor Asciak fil-preżentata) kien staqsieh ismu u kunjomu u d-data tat-twelid biss. L-appellatnt tah dawn id-dettalji. Mistoqsi jgħid jekk kienx jiftakar li fl-ewwel udjenza kienx ġie mistoqsi jekk kienx ħati jew mhux ħati, l-appellant wieġeb li waqt l-ewwel udjenza huma kienu ġew mistoqsijin imma qal li huwa ma kienx ħati. Iżda imbagħad iżid jgħid li huma bdew isaqsu lill-interpretu x'għamlu għax jgħid li ma setgħux jifhmu. Iżid jgħid li l-interpretu prova jevita din il-

mistoqsija, minkejja li l-appellant kien staqsih ħafna drabi. Iżid jgħid li l-interpretu baqgħa dejjem jistaqsi l-istess ħaġa jekk huwa ħati jew mhux ħati. Din kienet l-ewwel darba li kien il-Qorti u b'hekk kien beżgħan ħafna.

17. L-appellant jgħid li jiftakar li kien hemm avukat mara li daħlet fl-awla iżda hu qatt ma tkellem magħha. Jgħid li hu flimkien ma' wieħed u għoxrin imputat ieħor kienu kollha f'daqqa, għalkemm huwa ma raqadx magħhom fiċ-Ċentru tal-Pulizija. Ikompli jtenni li huma ma kienux jafu fuq xiex kienu ġew mixlija u jgħid li huwa qatt ma rċieva kopja tal-akkużi kontra tiegħu – l-anqas bil-miktub. Lill-ko-imputati l-oħra ma staqsihomx għaliex kienu qegħdin fuq il-*bus* għax ma kienx magħhom fiċ-Ċentru tal-Pulizija, u wkoll għax kien maħsud ħafna u ma tkellimx magħhom.

18. L-appellant jgħid li huwa kien talab lill-interpretu biex ikellem lill-Avukat. L-interpretu qallu *okay okay pero qatt ma taghni twegiba*. L-interpretu kelmu bl-Għarbi. Dan kien l-istess interpretu li kellu fit-tieni udjenza. Mistoqsi jekk waqt li kien qiegħed il-ħabs kienx staqsa biex ikellem avukat, huwa wieġeb : *"kif stajt insaqsi?"*. Baqgħa jtenni li huwa ma kienx jaf x'għamel u għalfejn kien sejjer il-Qorti u l-anqas kien jaf l-event għal dak li ġara għax huwa kien fuq is-sodda.

19. Illi matul is-seduta tat-22 ta' Ġunju 2020 dil-Qorti semgħet ix-xiehda tal-Avukat għall-Għajnuna Legali Dr. Yanika Bugeja, Doreen Pickard, deputat reġistratur tal-Maġistrat Dottor Marse-ann Farrugia kif ukoll ix-xiehda tal-interpretu Nazmi Khalil Houtu

u l-interpretu Dr. Anthony Licari. Din it-testimonjanza, analizzata flimkien ma dik tal-appellant, turi li l-aktar partijiet importanti mix-xiehda tal-appellant ġew kontradetti.

20. Qabel xejn huwa minnu li Dr. Yanika Bugeja kienet l-uniku avukat li kienet ġiet maħtura bħala Avukat għall-għajnuna legali biex tassisiti lill-imputati kollha. Din il-Qorti ma taqbel assolutament xejn li Avukat wieħed jingħata inkarigu li jirrappreżenta daqstant imputati fi proċeduri penali, u dan għal diversi raġunijiet legali, etiċi u loġistiċi li din il-Qorti ma tistax tidħol fuqhom f'din is-sentenza. Biss dil-Qorti semgħet lill-Avukat Bugeja tispjega l-*modus operandi* ta' kif mexxiet l-inkariku tagħha, fost il-protesti tagħha li tassisti lil dawk l-imputati kollha.[3]

21. L-Avukat Bugeja tgħid li hija spjegat l-import tal-imputazzjonijiet lill-imputati li kienu maqsuma fi gruppi iċken b'mod informi skont il-lingwa li kienu jifhmu u li għal benefiċċju tagħhom kienu ġew imqabdin diversi interpreti. Kien hemm Dr. Anthony Licari għal dawk li kien jitkelmu bil-Franċiż, Houtu Nazmi Khalil għall-maġġoranza li kienet titkellem bl-Għarbi, filwaqt li kien hemm imputat li jifhmu bil-lingwa Tigrinja u ieħor b'dik Etjopjana.

22. Fl-ewwel udjenza jirriżulta li nqraw l-imputazzjonijiet mill-Uffiċjal Prosekutur li kkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament kif ukoll id-dettalji personali tal-imputati. Saru wkoll l-eżamijiet tal-

[3] kif jirriżulta mill-verbal tas-seduta quddiem il-Qorti tal-Maġistrati presjeduta mill-Maġistrat Dottor Victor Axiak fit-8 ta' Jannar 2020, kif ukoll mir-rikors preżentat minnha stess quddiem il-Qorti tal-Maġistrati presjeduta mill-Maġistrat Dottor Marse-ann Farrugia fil-21 ta' Jannar 2020.

imputati li, f'dak l-istadju, kollha wieġbu li ma kienux ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom. Minħabba ċ-ċirkostanzi li kienu jgħixu fihom l-imputati, jiġifieri minħabba li ma kellhomx residenza fissa jew rabta ma Malta, Dr. Yanika Bugeja ma talbitx il-ħelsien mill-arrest u l-imputati baqgħu miżmuma taħt arrest preventiv. A fol 59 jirriżulta li l-appellant, għall-mistoqsija jekk kienx ħati jew le, iddikjara li huwa ma kienx ħati.

23.Matul is-seduta tat-22 ta' Jannar 2020, jiġifieri t-tieni seduta fil-kawża tal-appellant jirriżulta li l-imputati, minkejja t-talba ta' Dr. Yanika Bugeja biex ikunu assistiti minn avukati differenti, xorta waħda baqgħu assistiti minnha biss. Irriżulta wkoll li f'dik is-seduta, għal darb'oħra ġew maħtura bħala interpreti Dr. Anthony Licari għal dawk l-imputati li kienu jitkelmu bil-Franċiż; Nazmi Houtu Khalil għal dawk li kienu jitkelmu bl-Għarbi kif ukoll Yoseph Testaldet Keleta bħala interpretu mill-lingwa Tigrinya għal dik inliża u viċe versa. Interpretu mill-lingwa ingliża għal dik Oromo u viċe versa ġie maħtur Mama Kadu filwaqt li Dr. Vincienne Vella ġiet maħtura bħala interpretu mill-ilsien Malti għal dak ingliż.

24.Dr. Bugeja tgħid li matul dik is-seduta, l-ewwel ħaġa li għamlet kienet li bdiet titratta r-rikors tagħha biex ma tibqgħax avukat tal-imputati kollha. Matul dik it-trattazzjoni, inġibdet l-attenzjoni tagħha li kien hemm diversi mill-imputati li kienu riedu jammettu l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom. Dr. Bugeja tgħid li kienet urtata li waqt li kienet qegħda tagħmel dik it-trattazzjoni fuq

dak il-punt importanti ġiet rinfaċċjata b'dik is-sitwazzjoni. Ftit ftit irriżulta li l-kumplament tal-imputati bdew jitħajru li jammettu wkoll.

25. Dr. Bugeja tispjega kif hija kienet qegħda tagħmel il-komunikazzjoni mal-imputati. Peress li kien hemm erba' tradutturi hija bdiet tindirizza lill-dawn it-tradutturi billi tispjega x'kienu l-imputazzjonijiet kollha kif ukoll il-minimum u l-maximum tal-pieni erogabbli f'dan il-każ. Imbagħad l-interpreti kienu jispjegaw lill-imputati rispettivi, bil-lingwi li jifhmu, l-imputazzjonijiet x'kienu. Hija tgħid li dan seħħ fl-ewwel seduta kif ukoll fit-tieni seduta. Għalkemm hija ma kienetx tifhem bl-ilsien Għarbi, hija kienet tifhem b'dak Franċiż u setgħet tikkonferma li minn dak li semgħet, din l-interpretazzjoni magħmula minn Dr. Anthony Licari kienet tirrifletti dak li hija kienet qegħda tgħid.

26. Dr. Bugeja tisħaq li minbarra li hija tagħat l-ispjegazzjoni tagħha tal-imputazzjonijiet u tal-parametri tal-pieni li jistgħu jingħataw, qalet espressament lill-interpreti sabiex jgħidu lill-imputati li kull wieħed minnhom setgħa jkellimha individwalment u personalment. Biss minkejja dan l-invit tagħha, ħadd mill-imputati ma għamel talba simili biex ikellimha individwalment.

27. Dr. Bugeja tispjega wkoll li matul it-tieni seduta, u wara l-ispjegazzjoni tagħha, l-imputat kien wieħed minn dawk li wera l-intenzjoni tiegħu li jammetti l-imputazzjonijiet u ma qajjem ebda ilment jew wera' dissens magħha. Hija tgħid li l-Maġistrat Marse-Ann Farrugia kienet wissiet lill-imputati bil-konsegwenzi tal-

ammissjoni tagħhom, inkluż il-pieni li setgħu jingħataw fil-każ ta' sejbien ta' ħtija. Tikkonferma wkoll li l-Qorti tal-Maġistrati ssospendiet is-seduta biex l-imputati jkunu jistgħu jirrikonsidraw il-posizzjoni tagħhom. Wara li ingħataw dan iż-żmien, Dr. Bugeja tikkonferma li l-imputati, inkluż l-appellant ikkonferma li kien ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrihom. Dan sar bl-għajnuna tal-interpreti imsemmija.

28. L-interpretu Nazmi Houtu Khalil jikkonferma bil-ġurament tiegħu li huwa kien indirizza bl-Għarbi lil dawk fost l-imputati li kienu jitkelmu bl-ilsien Għarbi, fosthom lill-appellant. Dan l-interpretu jgħid li huwa spjega l-imputazzjonijiet kif kienet qaltlu jagħmel l-Avukat, kif ukoll spjega l-pieni li kienu jistgħu jingħataw fil-każ ta' sejbien ta' ħtija fuq ammissjoni jew fuq kontestazzjoni. Huwa jgħid li kien spjega dan kollu bl-Għarbi lill-appellant u li l-appellant bl-ebda mod ma qallu li kien qiegħed jipprotesta l-innoċenza tiegħu jew li huwa ma fehemx dak li kien qiegħed jgħidlu jew li ma riedx li huwa jammetti – anke wara li l-Qorti stess kienet tagħat l-ispjegazzjoni tal-konsegwenzi tal-ammissjoni.

29. Dan l-interpretu jżid ukoll li kien ċert li wara li huwa kien spjega l-imputazzjonijiet u l-pieni li setgħhu jingħataw, inkluż dik ta' disa' xhur priġunerija wara li sema' dan mingħand l-avukat, l-appellant kien wera' l-intenzjoni tiegħu li jammetti. Anzi l-interpretu Nazmi jżid ukoll li l-appellant, in kwantu kien Alġerin, kien jifhem bl-ilsien Franċiż u kien hemm mumenti fejn l-appellant kien anke

qiegħed jistaqsi lil Dr. Anthony Licari, li kien qiegħed jagħmel it-traduzzjoni mill-Malti għall-Franċiż u vice versa.

30. Dr. Anthony Licari jikkonferma li kien hemm mumenti fejn l-appellant, kien avviċinah biex jispjegalu, bil-Franċiż, xi affarijiet li ma kienx fehem għal kollox minn dak li kien qiegħed jgħidlu Nazmi Khalil Houtu. Dr. Licari jikkonferma li hu imbagħad kien spjegalu bil-Franċiż dak li Nazmi kien stqarr bl-Għarbi u li l-appellant ried li jiċċaralu.

***Ikkunsidrat : -***

31. Illi l-kwistjoni prinċipali f'dan il-każ hija kemm l-appellant jista' jgħid li l-ammissjoni tiegħu kienet vizzjata minħabba li :
    (i) ma fehemx in-natura tal-imputazzjonijiet; jew
    (ii) li ma kienetx l-intenzjoni tiegħu li jammetti l-imputazzjonijiet; jew
    (iii) li fuq il-fatti ammessi minnu l-Qorti ma setgħetx skont il-Liġi ssibu ħati ta' reat.

32. Mill-provi prodotti jirriżulta li l-appellant irreġistra ammissjoni għal fatti li skont il-Liġi jikkostitwixxu reat. Jiġifieri t-tielet test huwa soddisfatt. Jifdal biex jiġi analizzati l-ewwel u t-tieni test. Dawn jiddependu fuq dak li l-appellant fehem jew ma fehemx.

33. Soġġettivament l-appellant jixhed li huwa ma kienx jaf biex kien qiegħed jiġi mixli għax l-anqas l-imputazzjonijiet bil-miktub ma ġie

mogħti, ma jafx għaliex kien qiegħed jittieħed il-Qorti u l-anqas ma ried jammetti għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu in kwantu huwa jgħid li kien innoċenti, ma kellux x'jaqsam ma dak li seħħ għax huwa kien baqa' fuq is-sodda tiegħu. Jgħid li kien hemm interpretu li beda jkelmu, iżda dan ma spjegalux.

34. Biss dan it-test waħdu mhux biżżejjed u jrid ikun hemm prova oġġettiva li turi jekk verament l-appellant kienx f'qagħda li jifhem dak li kien qiegħed iseħħ u dak li kien għaddej minnu.

35. Mill-verbali eżebiti fl-atti, jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati, kemm fil-preżentata quddiem il-Maġistrat Dottor Victor Axiak, kif ukoll quddiem il-Maġistrat Dottor Marse-Ann Farrugia, l-appellant kien assistit minn avukat għall-għajnuna legali u minn interpretu. L-appellant jilmenta li lill-Avukat ma kellimhiex u li ma fehemx x'kien qed jgħid l-interpretu jew li ma wassalx il-messaġġi tiegħu. Mill-banda l-oħra kemm l-Avukat Bugeja kif ukoll l-interpretu Nazmi jtennu li huma xogħolhom għamluh. L-Avukat tixhed li hi spjegat, fiż-żewġt udjenzi, l-imputazzjonijiet u l-pieni applikabbli fil-każ ta' sejbien ta' ħtija u l-proċedura relattiva għal ammissjoni jew kontestazzjoni. Dan għamlitu fil-presenza tal-interpreti nominati. Hija tikkonferma wkoll li kien hemm ħin biżżejjed biex tagħmel xogħolha u tispjega u ma kienx hemm xi għaġġla jew pressjoni biex jeħilsu malajr. Anzi damu ħafna.

36. L-interpretu Nazmi wkoll jikkonferma li kien hemm ħin biżżejjed u li għamel xogħolu t'interpretu billi jittraduċi l-proċeduri quddiem il-Qorti skont kif dirett lilu. Huwa jiċħad li għamel xi

pressjoni jew li ssuġġerixxa lil xi imputat biex jammetti. Huwa spjega dak li kienu jgħidu l-avukati, inkluż fosthom il-piena fil-każ ta' ammissjoni. F'dan il-każ jgħid li huwa spjega lill-dawk kollha li kienu jitkelmu bl-Għarbi, l-appellant inkluż, kemm l-imputazzjonijiet kif ukoll il-pieni bl-ilsien Għarbi uffiċjali u mhux b'xi djalett.

37. Din il-Qorti rat ukoll il-verbali tal-udjenzi; b'mod partikolari dik tat-tieni udjenza in kwantu fl-ewwel udjenza l-imputati kollha għażlu li jiddikjaraw ruħhom mhux ħatja u għalhekk ma kienx hemm preġudizzju. Jidher li l-bidla fil-ħsieb tagħhom seħħet jew qabel jew matul it-tieni seduta. Din il-Qorti ma għandhiex għaliex tiddubita mill-verbal tas-seduta tat-22 ta' Jannar 2020 u dak reġistrat fiha. Dik il-Qorti niżlet b'mod dettaljat il-proċedura li ġiet segwita quddiemha. Il-kronoloġija tassumi importanza kbira f'dan il-każ. Fil-fatt il-verbal jikkonferma dak li xehdet Dr. Bugeja fis-sens li fil-bidu tas-seduta l-Qorti ħadet konjizzjoni tar-rikors ta' Dr. Bugeja biex ikun hemm aktar minn avukat wieħed jassisti lill-imputati. Wara jirriżulta li l-Uffiċjal Prosekutur ippreżenta kopja stampata tal-imputazzjonijiet oriġinali kif korretti u immedjatament wara xehed Joseph Victor Muscat.

38. Wara din id-deposizzjoni ġie reġistrat li l-Uffiċjal Prosekutur irtira t-tieni imputazzjoni u kkonċeda li l-imputazzjonijiet kienu konfigurabbli taħt l-artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali. Hawnhekk, għalkemm il-verbal huwa sieket, jindika li kien hemm bidla fil-posizzjoni kemm tal-Prosekuzzjoni kif ukoll tal-imputati. Dan

jista' jsaħħah l-argument imqajjem mill-appellant li f'xi ħin setgħa kien hemm xi forma ta' "patteġġjament informali". Fil-fatt f'dak l-istadju li l-imputati kollha irreġistraw l-ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha, rimanenti, miġjuba kontra tagħhom.

39. Anzi ġie reġistrat ukoll li l-Avukat Bugeja għamlet riferenza għall-imputazzjoni numru 7 magħquda max-xiehda ta' Joseph Victor Muscat u vverbalizzat li "*l-imputat jissottomettu illi jirrizulta biss l-Artikolu 325(1)(d) tal-Kodici Kriminali u ma tirrizultax l-imputazzjoni ai termini tal-Artikolu 325(1)(a) tal-istess Kodici.*"

40. Sussegwentement il-Qorti wissiet lill-imputati kollha bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tagħhom u senjatament li tenut kont li l-ammont ta' danni għadu ma ġiex kwantifikat, il-piena massima li tista' tiġi inflitta minn dik il-Qorti fuq l-imputati kollha ħlief għal Hassan Aħmed Asir kienet ta' ħames snin priġunerija u ħamest elef euro.

41. Imbagħad dik il-Qorti għaddiet biex tissospendi s-seduta biex l-imputati jkollhom ħin jikkonsultaw mal-Avukat Difensur tagħhom sabiex jaraw jekk riedux jikkonfermaw l-ammissjoni tagħhom. Is-seduta ġiet sospiża għal dan il-għan. Kemm l-Avukat Bugeja kif ukoll l-Interpretu Nazmi jgħidu li spjegaw dak li ġara lill-imputati u ħadd minnhom ma qajjem xi oġġezzjoni jew opposizzjoni jew ilment jew protest. L-Avukat Bugeja tispjega li l-mod kif ħadmet kien li l-Avukat tindirizza lill-appellant u l-interpretu jispjega dak li kienet qalet. Anzi hija tgħid li kienet qegħda tagħmel kuntatt viżiv mal-appellant aktar milli mal-oħrajn in kwantu huwa kien

jispikka fosthom. L-interpretu jikkonferma li huwa traduċa bil-vuċi tiegħu għall-Għarbi dak li kienet qalet l-Avukat, lil dawk l-imputati kollha li kienu jitkelmu bl-Għarbi, bl-appellant inkluż.

42. Wara din is-sospensjoni reġgħu deheru l-imputati kollha assistiti mill-Avukat Bugeja u l-interpreti u wara li l-Qorti staqsiethom jekk kellhomx ħin biżżejjed biex jikkonsultaw mal-avukat difensur tagħhom, il-Qorti rat li huma wieġbu **<u>kollha</u>** fl-affermattiv, u meta staqsiethom x'iwieġbu għall-imputazzjonijiet dedotti kontra tagħhom huma **<u>reġgħu ikkonfermaw</u>** il-ħtija tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tagħhom.

43. Dettall ieħor interessanti huwa li meta l-Qorti stqasiet min ried li jkollu kopja tas-sentenza tradotta jirriżulta li kienu biss l-imputati li kienu jitkelmu bil-Franċiż u dak bil-Lingwa Tigrinya li riedu kopja tas-sentenza. L-appellant kien fost l-oħrajn li ddikjaraw li ma riedx kopja tas-sentenza tradotta fl-ilsien tiegħu.

44. Minn dan il-kwadru kollu, din il-Qorti jidhrilha li oġġettivament, jekk ix-xiehda ta' Dr. Yanika Bugeja, Nazmi Houtu Khalil u Dr. Anthony Licari titwemmen, u tiġi moqrija flimkien mal-verbali redatti matul l-ewwel u partikolarment, it-tieni seduta, ma kienx hemm raġuni **<u>oġġettivament</u>** valida għalbiex jingħad li l-appellant ma fehemx in-natura tal-imputazzjonijiet jew li ma kienetx l-intenzjoni tiegħu li jammetti l-imputazzjonijiet. Jekk Dr. Bugeja titwemmen li tagħat l-ispjegazzjoni tagħha fir-rigward tar-reati li bihom l-appellant kien qiegħed jiġi mixli u l-pieni erogabbli – għal aktar minn darba; u jekk Nazmi Khalil Houtu jitwemmen meta

jgħid li huwa spjega dak li semgħa lill-Avukat u lil Qorti tgħid matul iż-żewġt seduti, u jekk l-appellant kien jifhem bl-Għarbi uffiċjali – fatt mhux minnu kontestat - allura dan iwassal għall-konklużjoni li l-appellant ma setgħax ma fehemx sewwasew b'dak li kien mixli u bid-deċiżjoni li huwa ħa li jammetti l-imputazzjonijiet kontestati lilu u li jtenni l-istess ammissjoni wara li ġie debitament mogħti l-ħin biex jirrikonsidra.

45. Iżda anke jekk **soġġettivament** huwa setgħa ma fehemx dak li kien qiegħed jispjegalu l-interpretu Nazmi Houtu Khalil, mix-xiehda ta' Dr. Anthony Licari ġie pruvat ukoll li l-istess appellant ma qagħadx biss fuq dak li kien tradott lilu minn Nazmi Houtu Khalil; iżda fejn kellu bżonn kjarifika ta' dak li kien qiegħed jintqal minn Nazmi Houtu Khalil, huwa rrikorra għand Dr. Licari u staqsieh jerġa' jispjegalu bil-Franċiż dak li Nazmi Houtu Khalil kien qallu bl-Għarbi. Jiġifieri dan kellu spjegazzjoni mogħtija minn żewġ interpreti differenti – żgur fir-rigward ta' dawk il-punti li huwa ħass li setgħa kellu bżonn kjarifika dwarhom.

46. F'dan ix-xenarju probatorju din il-Qorti ssibha diffiċli ferm temmen lill-appellant kemm oġġettivament kif ukoll soġġettivament huwa ma fehemx in-natura tal-imputazzjonijiet; jew li ma kienetx l-intenzjoni tiegħu li jammetti l-imputazzjonijiet. Għalkemm il-konduzzjoni tal-proċedura setgħet kienet aħjar, bħal ma setgħet kienet il-kwalita tas-servizz, mhux l-inqas għar-raġunijiet miġjuba minn Dr. Bugeja fir-rikors tagħha, dan ma jfissirx li l-appellant ma kienx f'qagħda li jifhem in-natura tal-imputazzjonijiet; jew li ma

kienetx l-intenzjoni tiegħu li jammetti l-imputazzjonijiet. Anke jekk kien kif qed jilmenta issa fl-appell tiegħu, ma jirriżultax li huwa ressaq dawn l-ilmenti tramite l-interpretu nominat lilu – Nazmi Houtu Khalil – u l-anqas dak li kien mar jitolbu l-kjarifiki Dr. Anthony Licari. F'dak l-istadju tal-proċeduri ma jirriżultax li ressaq xi lment, protest jew talbiet li juru li huwa ma kienx qiegħed jifhem l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu jew ir-raġuni għaliex inġieb il-Qorti jew li huwa ma riedx jammetti jew itenni l-ammissjoni tiegħu. Jekk kellu dawk il-ħsibijiet u lmenti setgħa ġibed l-attenzjoni tal-interpreti biex dawn jattiraw għall-attenzjoni tal-Avukat Difensur jew tal-Qorti. Iżda dan ma jirriżultax li seħħ. Jekk l-ilmenti tiegħu kienu qegħdin jaqgħu f'dak li donnu ried jgħid li kienu l-widnejn torox ta' Nazmi Houtu Khalil li skontu donnu beda jinjora lilu u t-talbiet tiegħu, ma kien hemm xejn li jżommu milli jressaq l-istess ilmenti, protesti, posizzjonijiet jew talbiet tramite l-interpretu l-ieħor – Dr. Anthony Licari li għandu rrikorra għal kjarifiki.

47. Anzi, l-fatt li l-appellant kien jifhem l-ilsien Franċiż, u li jitkelmu wkoll għalkemm forsi mhux ta' livell għoli – jirriżulta mix-xiehda ta' Dr. Anthony Licari li kien it-traduttur għall-ilsien Franċiż u li miegħu tkellem u li servieh bis-servizzi tat-traduzzjoni f'dawn il-proċeduri. Ma jirriżultax li l-appellant qajjem xi lmenti dwar is-servizz ta' dan l-interpretu jew li ma kienx qiegħed jifhem l-interpretazzjoni jew traduzzjoni magħmula lilu. F'dan ix-xenarju probatorju, din il-Qorti ma tistax tilqa' l-appell tal-appellant.

## *Decide*

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi din il-Qorti qegħda tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***